6 ta' Mejju, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Avukat Dr. Carmelo Zammit ne. *versus* Rosina Falzon et.**

## Kummerċjant — Mara — Ħanut — Liċenza

*Il-kwistjoni jekk il-kummerċ li teżerċita l-mara miżżewġa huwiex publiku u notorju, b'mod li għandu jiġi preżunt il-kunsens tar-raġel li ma jkunx oppona ruħu formalment kif trid il-liġi għal dak l-eżerċizzju, hija kwistjoni ta' fatt, u kwindi rimessa għall-apprezzament tal-Qorti.*

*Fil-każ preżenti, kuntrarjament għal dak li deher lill-Ewwel Qorti, il-Qorti ta' l-Appell żammet u qatgħet illi mill-provi kien hemm biżżejjed biex jiġi ritenut li kienet tirriżulta b'mod soddisfaċenti l-kwalità ta' mara kummerċjanta fil-konvenuta.*

*Il-mara li teżerċita ħanut fl-interess eskluživ tagħha u bil-kunsens ta' żewġha hija kummerċjanta, avvolja l-liċenza tal-ħanut minnha eżerċit tkun f'isem ħaddieħor.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-imsemmija Francesca Mifsud xi xhur ilu silfet "brevi manu" lill-konvenuta somma ta' £100 u, non ostanti li l-konvenuti ġew imsejħin biex iħallsu lilu nomine dik is-somma ta' flus, huma naqsu jħallsuha; talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, l-imsemmija somma ta' £100, jew somma oħra verjuri li tirriżulta dovuta, bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 1955, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Illi l-mara miżżewġa tista' teżerċita l-kummerċ, imma bil-kunsens, espress jew taċitu, ta' żewġha. Il-kunsens ta' żewġha jitqies mogħti meta hija teżerċita l-kummerċ publikament u notorjament, jekk huwa ma jkunx għamel dikjarazzjoni kuntrarja b'att publiku, reġistrata f'dina l-Qorti u publikata b'avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern, u almenu f'gazzetta oħra (art. 12(1) u (2) tal-Kodiċi tal-Kummerċ). Mela, fil-waqt li l-liġi ċivili tirrikjedi l-intervent tar-raġel, jew il-kunsens tiegħu bil-miktub għal kull singolu att li tagħmel martu, ammenokkè ma jkunx taha l-awtorizzazzjoni ġenerali, il-liġi kummerċjali, billi l-awtorizzazzjoni speċjali jew l-intervent tar-raġel huma inkompatibbli mal-molteplicità u maċ-ċelerità ta' l-affarijiet fil-kummerċ, tirregola l-mod li biħ ir-raġel għandu, jekk irid, jawtorizza lill-martu biex tkun tista' teżerċita l-kummerċ, billi din il-liġi tistabbilixxi l-prinċipju ġenerali illi l-mara *tista'* **teżerċita** l-merkatura bil-kunsens, espress jew taċitu, ta' **żewġha**; jiġifieri l-mara miżżewġa ma tistax teżerċita l-kummerċ mingħajr il-kunsens ta' żewġha, u, biex *tiffaċilita* l-prestazzjoni tal-kunsens tar-raġel, il-liġi kummerċjali tiddispensa mill-formalitajiet rikjesti mil-liġi ċivili; mhux biss, imma tippermetti lill-mara teżerċita l-kummerċ anki bil-kunsens *taċitu*, preżunt in difett ta' oppożizzjoni, ta' żewġha, meta l-kummerċ tagħha jkun minnu konoxxut; u dana peress li l-kunsens jista'

jirriżulta mid-difett ta' oppożizzjoni, jew mill-akkwijexxenza, u billi, jekk ir-raġel jgħix ma' martu li tkun teżerċita l-kummerċ u jħalliha teżerċitah, dana ma jistax ifisser ħlief illi huwa jakkonsenti;

Illi mill-fatt li mara miżżewġa teżerċita publikament u notorjament il-kummerċ, mingħajr id-divjet ta' żewġha, il-liġi ikummerċjali tiġbed il-preżunzjoni tal-kunsens tiegħu, u tirrikjedi, biex dana jimpedixxi lill-martu l-eżerċizzju tal-kummerċ, li jagixxi bil-mezz wieħed li tirrikonoxxilu, dak li ġie fuq indikat, jiġifieri li jagħmel dikjarazzjoni kuntrarja permezz ta' att publiku, li mbagħad jirreġistra f'din il-Qorti u jippublika wkoll permezz ta' avviż fil-Borża tal-Kummerċ, fil-Gazzetta tal-Gvern, u almenu f'gazzetta oħra. Mingħajr din id-dikjarazzjoni, u mingħajr dawn il-publikazzjonijiet, ma jiswew xejn il-projbizzjonijiet li seta' jkun għamel lill-martu, anki solennement, b'atti publiċi, b'ċirkulari, b'avviżi fil-ġurnali, b'avviżi fuq bibien u twieqi u postijiet oħra tan-negozju ta' martu; għaliex ħaddieħor, jiġifieri t-terzi, jistgħu liberament ma jagħtux każ tagħhom;

Illi l-kwistjoni jekk il-kummerċ tal-mara miżżewġa huwiex publiku u notorju hija kwistjoni ta' fatt, u kwindi rimessa għall-apprezzament tal-Qorti, li bħala regola ma toffrix diffikultajiet; għaliex il-konsiderazzjoni ta' l-attijiet u l-operazzjonijiet ħinnkien jistgħu kultant faċilment jikkonstataw l-eżerċizzju ta' dak il-kummerċ pależi li suppost ir-raġel ikun jaf bih, jew li jkun jista' faċilment ikun jaf bih;

Illi, skond dak li ntqal fuq, kieku l-konvenuta kienet teżerċixxi l-ħanut f'Valletta Road, ir-Raħal Ġdid, f'isimha proprju, kif ippretenda l-attur, kienet tkun publika merkantessa; għaliex kienet tkun teżerċita attijiet tal-kummerċ f'isimha proprju u personalment; u peress li l-kummerċ eżerċit fl-imsemmi ħanut kien pależi, il-kunsens tar-raġel hu preżunt fin-nuqqas ta' prova ta' dikjarazzjoni tiegħu f'sens kuntrarju, magħmula bil-formalitajiet fuq imsemmijin. Però, dak il-ħanut, kif jirriżulta mill-provi, speċjalment mit-testimonjanza tas-surġent tal-Pulizija Costantino Zammit u ta' Paul McKay, ma kienx tagħha, imma ta' l-imsemmi Paul McKay, ħuha. Jekk għal xi żmien mexxiet hija dak il-ħanut,

ma mexxietux f'isimha proprju. Il-liċenza kienet dejjem f'isem l-imsemmi Paul McKay; kien hu li jħallas il-liċenza u l-ispejjeż ta' l-ilma u tad-dawl elettriku. Il-konvenuta allura kienet sempliċi impjegata tiegħu, u seta' jikkonġedaha meta jrid. Hija bdiet toqgħod fil-ħanut meta telaq żewġha, li kien impjegat miegħu bħala "substitute" fl-istess ħanut, u dana ħalliha "substitute" minflok u. Huwa veru li l-imsemmi Paul McKay mil-qliegħ tal-ħanut kien jieħu biss kemm ikollu bżonn biex iħallas l-ispejjeż fuq riferiti, u kien iħalli l-bqija għall-konvenuta: imma dan kien jagħmlu, kif huwa xehed, għaliex il-profitti kienu żgħar ħafna, u għalhekk kien jagħtihom lill-konvenuta, evidentement bħala rikompensa għax-xogħol tagħha. U ċertament l-impjegat ta' kummerċjant ma jsirx anki hu kummerċjant bil-fatt li jiġi rimunerat b'sehem mill-profitti, jew anki bil-profitti kollha ta' azjenda; għaliex dawk il-profitti jkunu jikkorrispondu, u forsi lanqas ma jikkorrispondu, għar-rimunerazzjoni lilu dovuta. Biex wieħed ikun kummerċjant hemm bżonn li jkun jeżerċita atti tal-kummerċ bi professjoni u f'ismu proprju, estrem indispensabbli li l-liġi tenumera bħala kostitutiv ta' l-istat ta' kummerċjant:

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-attur għamel enfasi fuq il-fatt li l-konvenuta ddikjarat li kienet kummerċjanta; u, kif jirriżulta mix-xhieda tan-Nutar Joseph Raymond Grech, hi darba qalet li kellha ħanut ir-Raħal Ġdid, u li riedet tissellef il-flus għall-kummerċ tagħha. B'dana kollu l-konvenuta ma saretx kummerċjanta: għaliex, kif hu risaput, l-istat ta' kummerċjant jikkostitwixxi kwalità li tiġi deżunta biss minn fatti estrinseċi u pożitivi, u għalhekk xejn ma jiswa li wieħed jiddikjara li huwa *kummerċjant*. *Biex ikun tali,* jeħtieġ li fil-fatt jeżerċita atti tal-kummerċ bi professjoni effettiva;

Illi lanqas ma hu ta' natura kummerċjali, jew tali li għandu x'jaqsam mal-kummerċ, il-kreditu pretiż kontra l-konvenuta;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni preġudizzjali deklinatorja għandha tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors ta' l-attur nomine quddiem din il-Qorti, fejn

talab biex jiġi definitivament stabbilit liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża;

Eżaminat l-atti;

Semgħet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dina l-Qorti, wara eżami tal-provi mressqin mill-kontendenti, hija tal-fehma li hemm biżżejjed biex jiġi ritenut li tirriżulta b'mod soddisfaċenti l-kwalità ta' kummerċjanta fil-konvenuta; u dan minħabba ċ-ċirkustanzi hawn taħt elenkati:—

(a) Skond ix-xhieda tan-Nutar Joseph Raymond Grech (fol. 16), kienet l-istess konvenuta li fl-okkażjoni talmutwu msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni ddikjaratlu li "kienet teżerċita ħanut f'Raħal Ġdid", u li l-mutwu fuq imsemmi "rieditu in konnessjoni mal-kummerċ tagħha";

(b) Lix-xhud Vincenzo Mifsud (fol. 16) il-konvenuta qaltlu li kien fi ħsiebha titlaq il-ħanut għaliex ma kienetx sejra tajjeb. Dan juri li hija ma kienetx impjegata u li, kif ammettiet hi stess (fol. 16 tergo), il-flus li kienet iddaħħal kienet tonfoqhom "għall-bżonnijiet tagħha u tal-ħanut". Anki x-xhud Paul McKay, (fol. 21 tergo) xehed li l-konvenuta, oħtu, il-qliegħ tal-ħanut kienet tieħdu hija, u minnu tħallas l-ispejjeż;

(c) Għalkemm il-liċenza tal-ħanut kienet f'isem l-imsemmi McKay, dana kien ħalla l-ħanut f'idejn il-konvenuta, li kienet tiggestieh fl-interess esklużiv tagħha u bil-kunsens ta' żewġha;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk il-kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ (art. 37 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Għaldaqshekk;

Tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u tordna li għal dak il-fini l-atti jiġu rimessi lil dik il-Qorti;

L-ispejjeż ta' l-inċident, tant quddiem l-Ewwel Qorti kemm quddiem din l-Qorti, jitħallsu mill-konvenuta.